# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 774/2018 MH**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2020**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada (K.I. numri 375069 (M) u 267167(M))**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat**[1] tal-Bank of Valletta p.l.c. li gie prezentat fit-23 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu espona:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' tlett skritturi privati datati (1) 16 ta' Novembru 2011, (2) 8 ta' Novembru 2012 u (3) 1 ta' Frar 2016*

[1] Folio 1

*(Dok. "A", "B" u "C") is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada fis-somma ta' tnejn u hamsin elf, mitejn u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€52,270.58) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joshua Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1-D3", Dok "E1-E3", Dok "F" u Dok "G" ) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' Lulju 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament billi Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada*

*(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Ottubru 2016, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'H', sabiex jithallas id-dejn fuq*

*imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konventui ghaliex m'Ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmi (u hawn ezibit bhala Dok. "A", "B" u "C"), partikolarment imma mhux esklussivament, Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

2. *Tikkundanna lil Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta' attrici is-somma ta' tnejn u hamsin elf, mitejn u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€52,270.58)) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Dr Eucharist Bajada u Dr Diana Bajada mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1-D3", Dok "E1-E3", Dok "F" u Dok "G" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-12 ta' Lulju 2018 sad-data ta' l-effettiv pagament."*

6. *Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Ottubru 2016 (Dok. "H") kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat li wara li saret id-debita notifika ta' l-istess rikors bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni (ara nota a folio 57), rat ukoll li l-Qorti anke kkonċediet differiment ghal preżentata tar-risposta ġuramentata wara li l-avukati tal-partijiet qabblu li kellu jkun hemm estensjoni tal-istess (folio 61). Rat li nonostante cio u anke wara li l-Qorti ikkonċediet differiment minħabba l-indisposizzjoni tal-konvenut, baqgħet ma ġiet preżentata ebda risposta ġuramentata tant li fis-seduta segwenti la deher l-konvenut u l-anqas l-avukat difensur tagħhom.
Rat l-affidavit ta' Dorianne Tanti (a folio 40) in rappresentanza tal-bank attur. Rat ukoll ix-xhieda tal-istess (folio 63)fejn ikkonfermat li l-bilanċ kwotat fir-rikors ġuramentat għadu kollu dovut, bl-imgħax dekoribbli.

**Konsegwentament tenut dak kollu premess tilqa' t-talbiet attriċi kollha kif premessi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**